23 ta' Jannar, 1946.

## Imħallef :

## L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Giovanni Bugeja** *versus* **Salvu Zammit**

## "Litis Pendentia" — Soprassessjoni.

*Għall-finijiet tal-"litis pendentia" ma hemmx bżonn illi bejn l-istanza ġa pendenti u dik li ssir wara ikun hemm dik l-identità perfetta li hija meħtieġa għar-reġudikata; imma huwa biżżejjed li ż-żewġ istanzi jkollhom l-istess oġġett.*

*Is-soprassessjoni tal-kawża f'kull proċediment ordinarju jimxi għad-diskrezzjoni tal-ġudikant skond iċ-ċirkostanzi speċjali ta' kull każ; u għalhekk, meta tqum kwistjoni ta' "litis pendentia", il-Qorti aħjar fit-tieni kawża tissoprassjedi sakemm tiġi deċiża irrevokabilment l-ewwel istanza, jekk jidhrilha li jkun espedjenti dak il-proċediment.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta li l-konvenut ma żgumbrax mir-razzett li jinsab f'Ħal Qormi, Pinto Street, nru. 69, non ostanti d-deċiżjoni tal-Board għall-Kontroll tat-Tqabbil tal-24 ta' Awissu 1945, mogħtija fuq rikors tal-konvenut, li biha kellu jiżgombra minn dak ir-razzett sal-1 ta' Novembru 1945; u li l-konvenut għadu jokkupa r-razzett mingħajr titolu; u talab li l-konvenut għar-raġuni fuq imsemmija jiġi kundannat jiżgombra mir-razzett fuq imsemmi; u kontestwalment talab illi d-domanda tiegħu tiġi deċiża dispensata t-trattazzjoni. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut u bl-ordni, jekk hemm bżonn, lil dan biex jidher għas-subizzjoni;

**Ikkonsidrat;**

Illi l-fatti akkwiżiti għall-proċess mill-istess skrittura ta' l-attur huma dawn:— Bejn l-attur u l-konvenut kien hemm kwistjoni ta' kompetenza ta' l-"Agricultural Leases Control Board" u dan il-Board, b'deċiżjoni tiegħu ta' l-24 ta' Awissu 1945 laqa' t-talba ta' l-attur odjern għall-evizzjoni tal-

konvenut odjern mir-raba' li jinsab Hal Qormi, u (dak li jinteressa din il-kawża) mir-razzett imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni tal-lum. Minn dan ir-razzett il-konvenut keilu, skond l-imsemmija deċiżjoni, jiżgombra sa l-ewwel ta' Novembru 1945. Non ostanti li għadda ż-żmien hlu prefiss, il-konvenut, għad li ħalla r-raba', ma żgumbrax mir-razzett. Fit-12 ta' Diċembru 1945, l-attur, sabiex jottjeni l-iżgumbrament tal-konvenut mir-razzett, koerentement għall-imsemmija deċiżjoni ta' dak il-Board, ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' żgumbrament mill-Qorti Civili tal-Maġistrati. L-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat però ġiet sospiża, għaliex il-konvenut impunja d-dritt ta' l-attur li jeżegwixxi d-deċiżjoni tal-Board;

Ikkunsidrat;

Illi r-reċita ta' dawn il-fatti turi d-difett ta' l-istanza. Bid-domanda odjerna tiegħu l-attur irid il-kundanna għall-iżgumbrament tal-konvenut mir-razzett "de quo", jiġifieri reiterazzjoni tal-kundanna li ġà ottjena minn dak il-Board. Bil-ħruġ tal-mandat li hu ottjena mill-Qorti Ċivili tal-Maġistrati huwa ried li jiġi attwat l-iżgumbrament effettiv. B'din il-kundanna li qiegħed jitlob il-lum, huwa jrid li jkun jista' eventwalment, bla xkiel, jeżegwixxi b'mandat ta' din il-Qorti, id-deċiżjoni li qiegħed jagħmel istanza għaliha. Il-"causa petendi" u l-"oġġett" tad-domanda huma l-istess;

Illi l-kwistjoni jekk il-mandat ta' l-iżgumbrament, li ġà ħareġ, għandux jew le jiġi eżegwit, għadha pendenti quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati sakemm tiġi deċiża l-impunjattiva tal-konvenut, li dan, skond l-attur, għamel kontra l-eżekuzzjoni. Jekk l-impunjattiva tiġi respinta, allura jingħata kors għall-mandat ta' l-iżgumbrament, u din l-istanza tal-lum tiepiċċa fix-xejn. Jekk l-impunjattiva tiġi akkolta, allura, salvi konsiderazzjonijiet oħra, l-attur ikollu interess li jipproegwi dina l-istanza;

Illi dan kollu jġib illi għall-prosekuzzjoni ta' l-istanza odjerna, almenu "rebus sic stantibus", hemm l-ostakolu tal-"litis pendentia". Il-kwistjoni pendenti quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maġistrati (ara verbal tal-lum) dwar jekk għandux jingħata kors jew le għall-eżekuzzjoni tal-mandat ta' l-iżgumbrament hija tali li bis-saħħa tal-"litis pendentia" tagħti priorità minħabba l-"jus preventionis" lil dik il-Qorti. Dik il-

kwistjoni hija identika ghal din tal-lum, anki jekk mhux perfettament, ghaliex, kif, fuq l-insenjament tal-Mortara, ghallem l-Imhallef Dr. Cremona fil-kawża "Howard vs. Bellini pr. et ne.", 5 ta' Jannar 1923, Qorti tal-Kummerċ, Vol. XXV—III—723, ma hemmx bżonn, ghall-finijiet tal-"litis pendentia", dik l-identità perfetta li jehtieġ fir-reġudikata. Jikkonkludi infatti dak l-awtur fil-bran ċitat f'dik is-sentenza: — "Nondimeno, se il fine cui tende l'istanza sotto duplice figura è unico, sarebbe ammissibile l'eccezione di litispendenza................" Issa l'attur b'din l-istanza ghandu l-istess skop li kellu bl-istanza quddiem *il-Board* u *bil-hruġ* tal-mandat, u l-eżitu ta' l-eżekuzzjoni ta' dan il-mandat huwa oġġett ta' proċedura li ghadha pendenti;

Illi ghalhekk tirrivela rulha ċertament l-espedjenza li din il-Qorti tissoprassjedi sakemm tiġi, b'sentenza *irrevokabili*, deċiża dik il-kwistjoni. Is-soprassessjoni hija provvediment ordinatorju rimess ghad-diskrezzjoni tal ġudikant skond iċ-ċirkustanzi speċjali ta' kull każ (ara deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell preseduta minn Sir Antonio Micallef fil-kawża "German vs. Sciclunа", 23 ta' Ġunju 1869, Vol. V, pag. 157);

Ghalhekk din il-Qorti tiddikjara li t-trattazzjoni tal-kawża preżenti tiġi sospiża "sine die" sakemm tiġi definita b'sentenza irrevokabili l-kwistjoni tas-sospensjoni jew prosekuzzjoni ta' l-eżekuzzjoni tal-mandat ta' l-iżgumbrament riferita fil-verbal tal-lum. Spejjeż riżervati.